Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9245 — BAC/Marriott/Airhotel BVBA)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 39/15)

1. Fil-25 ta' Jannar 2019, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Brussels Airport Company NV ("BAC", il-Belġju), ikkontrollata b'mod konġunt minn Ontario's Teachers Pension Plan (il-Kanada), Macquarie Group (l-Awstralja) u La Société Fédérale de Participations et d'Investissement/De Federale Participatie- en Investeringsmaatschappij ("SFPI/FPIM", il-Belġju),

— Marriott International, Inc. ("Marriott", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— Airhotel Belgium BVBA ("AirHotel", il-Belġju), li hija s-sid tal-lukanda Sheraton Brussels Airport.

BAC u Marriott jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt tal-lukanda Sheraton Brussels Airport.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz ta' xiri ta' ishma u ftehim ta' ġestjoni tal-lukanda li kien jeżisti qabel.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— BAC: is-sid u l-operatur tal-Ajruport ta' Brussell, ajruport internazzjonali li jinsab f'Zaventem, il-Belġju,

— Marriott: kumpanija diversifikata ta' ospitalità, li taġixxi bħala maniġer u franchisor ta' lukandi u proprjetajiet ta' timeshare,

— Airhotel: is-sid tax-Sheraton Brussels Airport, lukanda li tinsab fis-sit tal-Ajruport ta' Brussell.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9245 — BAC/Marriott/Airhotel BVBA

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.